# IS-SURMAST ANTONIO PACE
## 1878 - 1950



MINN
Joseph R. Gatt

## U L-FESTI TAT-18 - IL ĊENTINARJU MILL-MARTIRJU TA' SAN PUBLJU 1925

Lakbar rabta ta' ANTONIO PACE (Bagħbusu) mal-Floriana kienet fi żmien il-festi li saru fl-1925 fil-Floriana biex ifakkru t-tmintax-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Publju. Għalhekk huwa xieraq li ngħidu xi ħaġa dwar dan il-personaġġ li twieled 120 sena ilu.

### MIN KIEN

Mir-Reġistru tal-Magħmudijiet li saru fil-Parroċċa ta' Bormla nafu li ANTONIO PACE twieled f'Bormla nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 1878 miż-żwieġ ta' Giuseppe Pace ma' Teresa mwielda Buttigieg. Ġie mgħammed l-għada 12 ta' Settembru 1878, fil-knisja Parrokkjali ta' l-istess belt u tawh l-ismijiet ta' Antonius, Joseph, Bernardus, Joannes u Carmelus. Għamdu l-Kanonku Teodoro Bonnici waqt li l-parrinijiet kienu Giovanni u Paola Buttigieg.

Sa minn ċkunitu wera ġibda lejn il-mużika. Dan aktarx għax kien influwenzat minn missieru li kien mużiċista fin-Navy Ingliża u mal-kappella ta' Mro. Nani.

Beda l-istudji mużikali tiegħu meta kien għadu żagħżugħ mas-surmast Martinelli, professur tal-Vjola fit-Teatru Rjal ta' Malta. Tgħallem l-armonija u l-kontrapont fl-Istitut Mużikali fil-Belt, immexxi mis-Surmast Paolino Vassallo (1856-1923). Baqa' jiżviluppa t-talent tiegħu mal-kontrapontista Giuseppe Abdilla (1886 - 1944). Tgħallem ukoll l-orgni taħt il-Kanonku Raffaele Mazzelli (1869 - 1950), li kien organista fil-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu.

### ORGANISTA U KOMPOŻITUR

ANTONIO PACE ħareġ organista u Surmast Direttur tajjeb. Kien imfaħħar ħafna kif jixhdu l-aljevi li studjaw miegħu u l-mużiċisti u kantanti li servew taħt id-direzzjoni tiegħu Għad hawn min jiftakru u jgħidu li "kien isaħħrek u jimpressjonak li jtik gost tarah jidderieġi l-Orkestra". Mhux l-ewwel darba li kien imfaħħar fil-ġurnali ta' żmienu.

Matul ħajtu kiteb bosta mużika, kemm profana kif ukoll sagra. L-aktar li kiteb kienet mużika sagra; mużika sabiħa u ħelwa. R. Mifsud Bonnici fil-ktieb tiegħu "Mużiċisti u Kompożituri Maltin u Għawdxin. 1951", jgħid li "Ikkompona seba' quddisiet u daqshekk ieħor għoxrin u bċejjeċ ta' mużika sagra" u baqa' jikteb sa ftit xhur qabel ma miet tant li Mifsud Bonnici jkompli jgħid "fl-1949, sena qabel miet, ikkompona Għasar tal-Madonna u ieħor ta' l-Appostli."

Kien "Maestro di Cappella" u Organista f'uħud mill-parroċċi tagħna. Waqqaf orkestri fil-Qrendi (1905), fil-Kalkara, fil-Birgu, f'Ħal-Luqa u fl-"Unione Cattolica San Giuseppe" tal-Belt. Fl-Isla waqqaf ukoll "Schola Cantorum" bit-tfal li xi wħud minnhom meta kibru bdew ikantaw fil-knejjes mal-"Maestro di Cappella" Paolino Vassallo u f'"Cappelli" oħra. Dan il-kor tat-tfal, għal bosta snin, kanta fil-festi ta' San Valentino, f'Ħal Balzan; San Ġiljan; il-Qrendi; f'Bormla; u fil-festa tal-Madonna ta' Loretu f'Għansielem Għawdex. Fi żmien l-Isqof Angelo Portelli O.P., kien jieħu ħsieb il-Kant ta' l-Għasar u l-quddiesa tal-festa tal-Kunċizzjoni fil-Knisja tagħha f'ta' Spinola. Kienu jkantaw ukoll fil-Floriana fil-festi tal-Milied u ta' San Publju.

### IR-RABTA TIEGĦU MAL-FLORIANA

Kif ġa għedna l-festi taċ-Ċentinarju rabtu lil Antonio Pace mal-Floriana. Ta' min ifakkar li dawn saru fi żmien l-Arċipriet Franġisk Mallia (1866-1838), "il-Mulej", bejn it-30 ta' Ġunju u l-Ħadd 5 ta' Lulju 1925. Kienu saru festi bl-akbar solennita' u l-mużika tal-knisja ġiet fdata f'idejh. Għaldaqstant, il-ġurnal



"Malta Tagħna" tal-11 ta' Lulju 1925 jgħidilna li kien ikkompona quddiesa ġdida u innu popolari ġdid f'ġieħ San Publju li t-tnejn kienu suċċess kbir. Il-kliem ta' l-Innu kienu bit-Taljan u kitibhom Patri G Cremona S. TH.L., O.P. u Pace kellu l-ħila jimmużikahom fi sbatax-il battuta biex jindaqqu għal erba' darbiet wara xulxin. L-innu jġib l-isem "Inno Popolare in Onore di San Publio M. Primo Vescovo di Malta" u ddatah 26 ta' April 1925. Ma' din il-kitba qed inġibu l-kliem u l-mużika tiegħu.
L-innu ndaqq għall-ewwel darba nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 1925, mill-Banda Vilhena bis-sehem tal-kor tat-tfal, wara li kienet għamlet marċ mat-toroq tal-Floriana u programm fuq il-palk fi Pjazza Sant' Anna. Kien ġie milqugħ tajjeb ħafna. Dak in-nhar il-kumitat tal-festi rregala tazza tal-fidda b'tifkira lill-Banda.

## IL-FESTI ĊENTINARJI

Il-festi fetħu bi Translazzjoni tar-Relikwija ta' San Publju mill-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini għall-knsija Parrokkjali bis-sehem tal-patrijiet u t-terzjarji. Iffunzjona l-Isqof Fr. Angelo Portelli O.P. assistit mill-Kapitlu ta' Bormla. L-orkestra kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Antonio Pace. Il-funzjonijiet komplew fil-jiem ta' wara mill-Kapitli ta' Bormla, tal-Birgu, ta' San Pawl tal-Belt, ta' Birkirkara u tal-Katidral. F'kull jum, kull kapitlu ċċelebra quddiesa kantata solenni bil-predikatur rispettiv tiegħu li kienu:- il-kan. Penit D. Anton Vella, il-Kantur D. Lorenzo Segona, il-Kan. Kurat D. Edgar Galea Naudi, il-Kan. Propositu D.C. Bonnici, u l-Mons. Kan. Pawl Gauci. Iffunzjonaw ukoll Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex u Mons. Mauro Caruana, Arċisqof ta' Malta. F'jiem il-festa l-istess Kapitli akkompanjaw fil-purċissjoni bl-istatwa ta' San Publju flimkien mal-Kleru tal-Furjana u l-Patrijiet tal-kunventi: - Dumnikani, ta' Ġieżu, Agostinjani, Karmelitani, Konventwali, Kapuċċini u l-fratellanzi tal-Floriana u tas-Sagrament tal-Belt.
Għal din l-okkażjoni l-knisja ġiet imżejna mill-aħjar, il-vara ta' San Publju ġiet irrestawrata minn Abram Gatt (1863-1944). Bis-saħħa tal-benefattur Publio Cini saru erba' gastri tal-fidda għal madwar il-vara waqt li benefattur ieħor, Ottavio Catalogna, irregala Ostensorju għar-Relikwija ta' San Publju. Dawn kollha nħadmu fuq disinn ta' l-imsemmi Abram Gatt. Saret sopra-tvalja għall-altar Maġġur u l-armar għall-altar tal-Kor (kandlieri, fjuretti, u l-erba' statwetti ta' San Pawl, San Luqa, San Trofimu u San Artistarku).
It-triqat ġew imżejna kif jixraq u mixgħula bid-dawl elettriku. Ġabu diversi baned fosthom il-banda Vilhena, ta' San Ġużepp u San Gejtanu, it-tnejn tal-Ħamrun, ta' San Ġorġ ta' Bormla, San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, u t-tnejn ta' B'Kara, Santa Elena u Duke of Connaught u oħrajn. Kollha daqqew marċi u għamlu programmi mużikali. Lapida li tfakkar dawn il-festi narawha taħt il-portiku tal-knisja.

## GĦELUQ

Mir-reġistri tal-mewt fir-Registru Pubbliku, il-Belt u tad-Dfin fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, nafu li s-Surmast Antonio Pace ma kienx miżżewweġ u miet ta' 71 sena, nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju 1950, fid-dar Nru. 20 Triq il-Kbira f'Ħal-Lija, fejn kien evakwat fi żmien il-gwerra. Kien joqgħod ftit metri 'l bogħod mid-dar tas-Surmast Carlo Diacono (1876-1942) li kien miet tmien snin qabel. Huwa ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata fil-qabar tal-Fratellanza tas-S.S. Kurċifiss ta' Bormla. B'dan it-tagħrif tajna ħarsa fuq fuq dwar dan l-organista, kompożitur, Surmast/Direttur u anke Maestro di Cappella u rajna kif ukoll rabat ismu mal-Floriana. Għas-sehem li ta fil-qasam mużikali Antonio Pace għandu paġna fl-istorja tal-Mużika Sagra ta' Malta.




**BIBLJOGRAFIJA:-**


i. Arkivji Parrokjali ta' Bormla; Ħal- Lija
ii. Reġistru Pubbliku - Valletta
iii. Reġistru tad-Dfin - Ċimiterju S. Marija Addolorata
iv. Ġurnali:- Malta Tagħna; Leħen is-Sewwa
v. Mifsud Bonnici R. - Mużiċisti u kompożituri Maltin u Għawdxin 1951.